**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

<u>It-Tlieta 20 ta' Diċembru,2016</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00PM ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Dr. Marc Sant – Kap tal-Minoranza
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Kunsilliera
Is-Sinjur Massimo Scerri - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresjedat l-laqgħa.

## 55.1 Introduzjoni

55.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.15p.m. b'introduzjoni mis-Sindku fejn stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 54 bid-data ta' 22 ta' Novembru 2016.

55.1.2 Ġew iċċekjati l-korrezjonijiet li kellhom isiru u wara li ġew ikkonfermati fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, minuti nr 54 ġew approvati unanimament.

## 55.2 Punti mqajma mill-minuti

55.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq punti 54.2.3 sa 54.2.5 rigward il-librerija pubblika u r-risposta li tana s-Sindku ta' Ħal Balzan fejn qal li mhux għax ma jixtieqx jikkopera magħna imma l-anqas biss għandhom post għalihom aħseb u ara għal ħaddieħor.

55.2.2 Il-Kunsilliera kkonfermaw li l-kamra li għandhom veru żgħira, għalhekk is-Sinjorina Farrugia ssuġġerit li għandna nitkellmu mas-Sur Steve Borg biex jagħtina d-dettalji biex issir request biex tinbena librerija fl-iskola u tkun għal Ħal Lija biss.

55.2.3 Is-Sinjorina Farrugia qalet li hija kienet tkellmet mal-Headmistress u kkonfermat li hemm ammont sewwa li peress li m'hemmx librerija f'Ħal Lija qed imorru fil-librerija ta' B'Kara. Il-Headmistress qalet li kieku l-librerija li tinbena jkollha żewġ aċċessi waħda mill-iskola u l-oħra mit-triq. Fuq dan kien sar rapport u dan intbagħat lis-Sur Steve Borg.

55.2.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li Ħal Balzan ħadu xi fondi għal din il-librerija pubblika.

55.2.5 Meta ssir din il-librerija skond l-istandards bilfors irid ikun hemm fondi.

55.2.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 54.3.15 rigward is-sitwazjoni ta' Sqaq nru 2 Triq Preziosi.

55.2.7 Hija staqsiet jekk ir-residenti huma kuntenti bit-tabelli li twaħħlu f'dan l-isqaq għax lilha waslitilha nformazjoni li mhux kulħadd kuntent u li kollox baqa kif kien.

55.2.8 Is-Segretarju nfurmat li żewġ ilmenti li kien hemm wara li saru s-signs kienu li s-signage sar bl-ingliz u li suppost saret sign oħra li biex jidħlu trakkijiet 'dejjem irid isir permess tal-Kunsill u jsiru 'No Parking signs'.

55.2.9 Il-Kunsill qabel li din is-sign għandha ssir .

55.2.10 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li ftit tax-xhur ilu resident minn dan l-isqaq talab biex ikun jista' jara l-korrispondenza kollha fuq din l-issue.

55.2.11 Is-Segretarju nfurmat li hija talbet għal parir tad-Dipartiment u dan irrisponda li 'kull korrispondenza tista' biss tingħata jekk din tkun direttament jew indirettament ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

55.2.12 Fuq din it-tweġiba, dan ir-resident ingħata permess biex jibda' jara l-file peress li għalkemm il-Kunsilliera mhux dejjem raw il-korrispondenza kollha, s-Segretarju dejjem infurmathom fuq l-aħħar informazzjoni rigward din l-issue f'kull laqgħa tal-Kunsill.

55.2.13 Wara li saru laqgħat mad-direttur fuq l-ordnijiet permanenti, is-Segretarju ddeċidiet li terġa tieħu parir mingħand id-Dipartiment fuq dan.

55.2.14 Saret diskusjoni mill-Kunsilliera fuq dan is-suġġett fejn ġie diskuss li kull dokument fil-Kunsill huwa pubbliku imma tidħol ukoll il-privatezza ta' xi korrispondenza għalhekk id-Data Protection.

55.2.15 Sa dan it-tant is-Segretarju nfurmat lill-Kunsilliera li hija tkellmet ma' din il-persuna u spjegatlu din is-sitwazjoni.

55.2.16 Is-Segretarju qalet li mportanti li din il-kwistjoni tiċċara ruħha għax din l-issue hija delikata ħafna.

55.2.17 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela u l-problemi li hemm, kemm bħala toqob u kemm bħala parking bays.

55.2.18 Hija staqsiet jekk kellimnix lill-perit biex jiġi 'on site' issa iktar u iktar peress li għandna l-opportunita' biex napplikaw għal fondi għat-toroq rurali.

55.2.19 Is-Sinjorina Farrugia ukoll tkellmet fuq żewġ ċitazjonijiet li ngħataw f'dik l-area u li waħda minnhom ma kinitx ġusta u għadha qed tistenna risposta mingħand il-LESA fuqha.

55.2.20 Hija qalet li biex ma jkunx hemm *misunderstanding* għandhom isiru l-parking bays jew linja waħda għax ikun iktar prattiku.

55.2.21 Is-Segretarju nfurmat li ma kinetx ħadet azzjoni mal-perit fuq dawn ix-xogħolijiet u xogħolijiet oħra għax meta kienet qed tara l-allokazzjoni ma' l-accountant hija ndunat li fuq kollox mhux ser ikun hemm daqshekk flus biex isiru proġetti.

55.2.22 Hija qalet li tixtieq li l-Kunsill jagħmel prioritajiet peress li hemm ħafna xogħolijiet x'isiru.

55.2.23 Il-Kunsill qabel li għandhom jitniżlu t-tlett applikazjonijiet biex napplikaw għall-fondi li ħarġu.

55.2.24 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk smajniex xi ħaġa oħra fuq nr 54.3.5 fuq l-arblu ta' triq id-Dejqa.

55.2.25 Is-Segretarju nfurmat li ma smajna xejn iktar fuq din il-kwistjoni.

## 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku – VIP List

55.3.1 Request mingħand resident fi triq il-Kunċizzjoni. Jrid jkun jaf jekk mhux ser issir sleeping policeman kif kien talab żmien ilu. Il-Kunsill kien iddeċieda li ssir dead slow minnflok imma huwa baqa jinsisti.

55.3.2 Fuq dan il-punt, is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġġerit li l-uffiċċju tal-Kunsill għandu jgħin lir-residenti jiktbu l-pettizjoni.

55.3.3 Is-Sinjorina Cutajar qalet ukoll li forsi għandna mmorru bil-petizzjoni bieb bieb imma l-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

55.3.4 Is-Sinjorina Cutajar qalet li s-sign ta' dead slow ma affettwat xejn għax xorta waħda l-karozzi qed jitilgħu 'gas down'.

55.3.5 Is-Sinjorina Cutajar issugerit li għandha tigi ppreparata petizzjoni mill-uffiċċju u meta jidħlu lura xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill f'Jannar għandhom jiċċirkulaw din il-petizzjoni. Fuqha jinkitbu l-ismijiet, in-numru ta'I.D. u min jaqbel u min ma jaqbilx u jduru bieb bieb il-parti l-iktar dejqa ta' Triq il-Kunċizzjoni.

55.3.6 Resident li joqgħod no.22 Triq Mikielang Borg qed jagħmel request biex isiru double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx tiegħu. Is-Segretarju marret *on site* tara eżatt xi jrid mal-ħaddiema.

55.3.7 Is-Segretarju nfurmat li jekk isiru l-yellow lines minn naħa waħda partikolari ser jiġu quddiem residenza oħra.

55.3.8 Il-Kunsill ra li ser jitnaqqas parking space u biżżejjed hemm problema ta' parking. Il-Kunsill għalissa ma ddeċidiex fuq dan ir-request biex nerġgħu mmorru 'on site' u niċċekkjaw.

55.3.9 Il-ħin huwa 17.51hrs u ġie resident li xtaq jitkellem mal-Kunsill għalhekk il-laqgħa ġiet sospenduta.

55.3.10 Dan ir-resident tkellem fuq żewġ requests, waħda minnhom fuq ir-request ta' sleeping policeman fi triq il-Kunċizzjoni għax qed jgħaddu ħafna heavy vehicles u t-tieni request kienet li żewġ lokalitajiet oħra għamlu speċi ta' traffic diversion bħal test u din ħadmet.

55.3.11 Huwa qal li bħala Ħal Lija, Ħal Balzan u H'Attard għandna ningħaqdu flimkien u noħolqu traffic management.

55.3.12 Huwa qal li t-toroq ta' Ħal Lija ma jifilħux għal dan it-traffiku kollu u li qed jagħmlu ħafna ħsara lit-toroq u anke lill-propjeta'. Huwa staqsa lill-Minority leader, Dr. Marc Sant biex jindaga ftit rigward x'għamlu lokalitajiet oħra.

55.3.13 Is-Sindku nfurmat li fuq traffic management il-Kunsill diġa tkellem mat-TM u huma qalu li meta jiddiskutu din l-issue ser jikkuntatjaw l-irħula ta' madwar ukoll; dawk ta' H'Attard u H'Balzan.

55.3.14 Il-ħin huwa 17.57hrs, ir-resident ħareġ mill-kamra u l-laqgħa tkompliet.

55.3.15 Residenta qed tagħmel request biex issir zebra crossing fi triq Annibale Preca fejn l-ispizerija St. Joseph. Dan għaliex din it-triq saret traffikuża

ħafna u vera periklu biex taqsam. Jekk ma ssirx zebra crossing hi qed titlob biex forsi ssir sleeping policeman.

55.3.16 Il-Minority leader qal li jekk issir din iz-zebra crossing ser jitnaqsu xi erba' parking spaces.

55.3.17 Il-Kunsilliera tkellmu rigward fejn tista ssir din iz-zebra crossing. Ġie deċiż li din issir fejn il-barumbara faċċata l-oħra. Il-Kunsill qabel li din ir-request għandha tintbagħat lit-TM għall-approvazzjoni.

55.3.18 Item ieħor li ġie diskuss huwa l-Ippjanar għal Budget 2017 u l-fondi mingħand ir-Regjun Ċentru bl-ammont ta'€10,408.59.

55.3.19 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet bagħtet e-mail ftit tal-ġimgħat ilu fuq il-budget 2017 peress li biex l-accountant tipprepara l-budget trid li kull Kunsillier skond id-delega tiegħu jgħid liema proġetti jixtieq li jwettaq u kemm ser jiġu jiswew.

55.3.20 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija tixtieq li jitwettaq il-proġett tar-rural bil-fondi imma ma tkunx taf kemm ser jiswa it-10% li l-Kunsill irid iħallas. Il-perit irid iġib l-estimi.

55.3.21 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li fl-entratura ta'Ħal Mann fejn it-Transport Malta kien għamel diġa beda jinqala'. Għanda ngħaddu dan l-ilment lil Transport Malta.

55.3.22 Hija qed tgħid li għandna napplikaw ma' Transport Malta fejn tidjieq it-triq għandu jitneħħa parking space li minħabba fih il-karozzi ma jkunux jistgħu jgħaddu.

55.3.23 Il-Kunsilliera tkellmu u qablu li l-Kunsill għandu japplika għall-fondi ta' l-EU li ser joħorġu fuq proġetti rurali.

55.3.24 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li għalkemm l-allokazzjoni għal 2017 żdiedet xorta waħda l-Kunsill mhux ser ikollu daqshekk fondi għall-proġetti daqs kemm ħaseb u tat informazjoni li fl-aħħar ta' din is-sena ser ikun fadal bejn wieħed u ieħor €13,000 kredituri.

55.3.25 Is-Segretarju kompliet tgħid li l-Kunsill qed idaħħal xi ftit flus mill-permessi anke riċentament daħħal €300 minn fuq reklamar ta' l-U bars u issa hemm reklam ieħor għal U-Bar oħra li ser titħallas ukoll.

55.3.26 Is-Segretarju reġgħet staqsiet lill-Kunsill x'inhi l-prijorita' tal-proġetti li huma jixtiequ jressqu fil-budget għas-sena d-dieħla. Hija qalet li biex tkun tista tagħmel il-budget l-accountant qed tistenna li kull Kunsillier iressaq il-proġetti tiegħu u kemm ser jiġi jiswa skond id-delega tiegħu.

55.3.27 Il-Kunsilliera għalkemm għandhom proġetti li jridu jwettqu ma jistgħux ikunu jafu kemm ser jiswew għaliex il-Kunsill ma jistax jipjana xejn fis-sitwazjoni finanzjarja li qiegħed.

55.3.28 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-accountantant staqsiet kemm ser jiġi jiswa l-proġett ta' l-isqaqien bejn wieħed u ieħor. Hija staqsiet lill-perit pero għadu jrid jaħdem fuqha.

55.3.29 Dawn huma :

a. Restawr tat-Torri Belvedere bil-fondi tal-proġett ERDF. Għaldaqstant irid jiġi kkuntjat il-MEUSAC immedjatament biex ngħidulhom li aħna ser ikollna bżonn l-għajnuna ;
b. Napplikaw għal fondi għal proġetti rurali;
c. Il-proġett ta' l-isqaqien;
d. Il-proġett ta' l-Erasmus+ fejn is-Sinjorina Stephanie Cutajar qed taħdem fuq dan il-proġett;
e. Triq id-Dejqa kantuniera ma' triq is-Salvatur;
f. Triq Fernand Gregh;
g. In-naħa ta' fuq ta' triq Annibale Preca;
h. Il-binja tal-Kunsill;
i. Brochures – sussidju ta' l-attivitajiet tat-tfal;
j. Kunċert kull ġimgħa għal xahar.

55.3.30 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia esprimit li minn meta waqqafna l-*brochures* l-attivitajiet tat-tfal m'għadhomx ikunu ta' suċċess għalhekk hi tixtieq ukoll li l-attivitajiet tat-tfal li jsiru matul is-sena' jkunu *budgeted*. Għalhekk irid isir costings fuq tlett attivitajiet fis-sena bħala brochures, tqassim ta' brochures u trasport.

55.3.31 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar infurmat lill-Kunsill li f'Jannar ser tiġi organiżżata laqgħa fuq dan il-proġett ta' l-Erasmus. Hija qed tgħid li l-parteċipanti jridu jkunu tmienja tal-inqas. Hija ser timmira li jkun hemm tnax –il parteċipant. Is-Sinjorina Cutajar ser tipprova għal proġett ta' Mejju biex it-tfal ikunu waslu biex ilestu l-eżamijiet qabel isifru. L-eta' ma tistax tkun iktar minn tlettin sena.

55.3.32 Il-Minoirty leader Dr. Marc Sant informa li kien tkellem mas-Sinjorina Mandy Falzon mill-Meusac fejn infurmha li l-Kunsill interessat biex japplika għall-fondi ta' l-ERDF.

55.3.33 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li xi uffiċċjali minn Enemalta u l-WSC marru jispezjonaw il-meters tal-latrini, tal-pjazza u taċ-Ċentru Rikreattiv. Huma qalu li l-arloġġ tal-pjazza huwa ħdejn tal-boċċi club u l-konsum huwa kemm xejn kbir għal latrina. Il-Kunsill qatt ma ħallas kontijiet ta' dawn l-arloġġi u s-Segretarju staqsiet il-meters fuq min qegħdin? Din għadt trid tiġi identifikata. Huma issuġġerew li dawn il-meters għandhom ikunu aċċessibbli mill-Kunsill.

55.3.34 Is-Segretarju nfurmat ukoll li hemm it-Tennis Club u jista' jkun ukoll li d-dawl tal-ġnien qed jittieħed ukoll minn dan l-arloġġ. Rigward l-ilma tal-latrini tal-ġnien dan jittieħed mill-ġibjun.

55.3.35 Resident qed jagħmel request biex issir sleeping policeman quddiem l-istatwa ta' San Pietru, fi triq il-Forn, kantuniera ma' triq Sir Ugo Mifsud, kif toħroġ minn ħdejn il-bars u tiġi ħdejn il-knisja. Issuġġerixxa wkoll li jsiru, 2 żgħar biex in-nies inaqqsu l-ispeed.

55.3.36 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u ddeċieda li dan jerġa jiġi diskuss meta jiġi ddentifikat eżatt fejn.

55.3.37 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet mal-Kunsill biex issir iktar pressjoni biex jiġu approvati l-Bye-laws.

55.3.38 Is-Segretarju nfurmat li l-avukat tad-Dipartiment kienet bagħtet e-mail b'xi *corrections* tal-*wording* ta' l-emails u anke staqsiet għaliex ser noħorgu bye-law fuq l-għamara tat-toroq meta diġa għandna.

55.3.39 Il-Minority leader Dr. Marc Sant qal li l-bye-law ta' l-għamara tat-toroq ġiet amendata.

55.3.40 Is-Sindku nfurmat ukoll lill-Kunsill li hija ressqet dan ukoll lill-Kabinet tas-Sindki minħabba il-burokrazija biex jiġu approvati. Hija tkellmet ukoll fuq it-triq Fernand Gregh peress li l-Gvern ilhu jwiegħed li din ser issir, anzi din kellha ssir wara li kien sar ic-CHOGM. Hija insistiet li din għal anqas titla' fil-wiċċ tal-lista għax issa veru qiegħda fi stat ħażin.

## 55.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

55.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq il-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' s-sur Cohen u s-Sur Scerri tat-TM fit-30 ta' Novembru 2016.

55.4.2 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li waqt dik il-laqgħa għaddejna l-affarijiet pendenti li kellna imma biex jiġu attwati, TM iridu jibgħatulna bil-miktub. Għalhekk intbagħtet il-lista li ġiet diskussa lit-TM u intbagħtu anke reminders u s'issa għadna qed nistennew risposta.

55.4.3 Is-Segretarju tat l-informazjoni kollha lill-Kunsilliera ta' x'ġie diskuss u x'ġie approvat u x'ma ġiex approvat.

55.4.4 Hija kompliet tgħid li fuq traffic management, Transport Malta għadhom iridu jagħmlu studju minnhom.

55.4.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet li l-ewwel laqgħa li l-Kunsill kellu mat-TM kienet staqsietu jekk mhux veru li bus shelters qed isiru mill-Kunsill. Huwa kien qal li iva.

55.4.6 Is-Sinjorina Farrugia qalet li meta kienet lokal ieħor rat bus shelter bil-*perspex*, injama fejn ipoġġu l-passiġġieri u kanen. Hija qed tgħid li dan jista' jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Irid jiġi ċċekkjat il-Kunsill taż-Żejtun.

55.4.7 Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema irid ikollhom l-għodda biex jaħdmu u li dan ma għandhomx.

55.4.8 Is-Segretarju tkellmet fuq l-ilment li għadda il-Minority leader Dr. Marc Sant biex tissewwa l-ħġieġa tal-bus shelter ta' ħdejn it-torri.

55.4.9 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li għandhom jiġu kkuntatjati l-FACES li kienu għamlu dawn il-bus shelters.

55.4.10 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lill-Kunsill li kienu gew imnedija zewg skemi – wahda ta' hames miljun ewro fuq ir-restawr ta' assi naturali u kulturali u ohra ta' zewg miljun ewro ghal investiment f'energija rinnovabbli.

55.4.11 Dr. Marc Sant informa ukoll li kienet giet imnedija skema ohra ghal 10 miljun ewro ghal manutenzjoni ta' toroq f'zoni rurali. Semma li fil-bidu ta' Frar ser issie laqgha ta' informazjoni.

55.4.12 Il-minority leader Dr. Marc Sant spjega wkoll kif l-Awtorita ta' l-Ippjanar flimkien ma' l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet nediet skema bl-isem 'Irrestawra Darek' sabiex tippromovi r-restawr tal-faccati

tad-djar. Hawnhekk ir-residenzi jridu jkunu privati (jigifieri mhux kazini tal-baned ecc) u jridu jkunu gewwa l-*Urban Conservation Area.* Dan l-iskema fiha tminn miljun ewro u hija miftuha sa-ahhar ta' April.

55.4.13 Min hu interessat li japplika jkun jista' juza l-Perit tal-Kunsill li jkun kwalifikat fil-Konservazzjoni u l-Perit jithallas mill-Kunsill. Ghal kull applikazzjoni li tidhol mill-Kunsill, l-Awtorita hija lesta taghti somma lill-kunsill sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispiza tal-Perit.

55.4.14 Triq issir pubblicita mar-residenti fuq din l-iskema b'avviz jew fuq il-website tal-Kunsill.

55.4.15 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lill-Kunsill li rranġa laqgħa mal-MEPA fuq l-iskedar tat-torri fil-25 ta' Jannar 2017 fi 9.00a.m.

55.4.16 Dr. Sant informa lill-Kunsill li la t-Torri huwa skedat nistgħu nieħdu sa €100,000 imma jrid jinġieb *sponsor to make up.*

55.4.17 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lill-Kunsill li peress li t-Torri hija binja skedata hemm il-possibilita li niehdu sa Eur100,00 gharrestawr tieghu.

55.4.18 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ftit ta' żmien ilhu ukoll kien hemm xi ħadd minn Ħal Lija li xtaq li ngħinuh jagħmel bandiera fir-roundabout ta' Smart, il-Kunsill jagħmel l-ispejjes u dan ir-raġel jipprovdi l-bandiera u l-arblu.

55.4.19 Il-minority leader Dr. Marc Sant fakkar kif hafna snin ilu kien ghamel suggeriment sabiex issir bandiera fl-entratura tar-rahal.

55.4.20 Il-Kunsilliera qablu li ssir bandiera waħda fi traffic island li hemm inti u ħiereġ minn Vjal it-Transfiguration. Naraw kif imorru u filkas nagħmlu oħra n-naħa tal-Mirakli.

55.4.21 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tagħtina l-contact number tal-persuna li kienet trid tagħmel il-bandiera fir-roundabout u s-Segretarju għandha titkellem mal-Kunsill ieħor biex tieħu parir minn għandhom.

55.4.22 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq ir-refreshing ta' triq Naxxar li l-Kunsill kellu jagħmel u bi ftehim mat-TM iħallsu huma peress li din hija triq arterjali.

55.4.23 Is-Segretarju spjegat li għalkemm għaddejna l-contact number tal-persuna mit-TM lil kuntrattur biex jibgħat l-invoice u jħallsu t-TM, il-kuntrattur xorta waħda ma jridx jagħmel dan ix-xogħol peress li din hija triq arterjali.

55.4.24 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant issuġerixxa li għandna nqabdu lil Koptasin biex jagħmlu dawn ix-xogħolijiet.

55.4.25 Is-Segretarju għandha titlob stima ta' dawn ix-xogħolijet flimkien mal-wardens bil-lejl u jekk l-ammont ikun taħt id-direct order u l-Kunsill jaqbel, nipproċedu bix-xogħolijiet wara li TM japprovaw l-ispiża.

55.4.26 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-parking bays fi triq Preziosi u triq Giuseppe Cali fejn kellu jiġi mqabbad il-perit biex jippjanta dawn il-parking bays.

55.4.27 Is-Segretarju nfurmat li ma kinetx bagħtet il-pending list ta' xogħolijiet lill-perit għax xtaqet li l-Kunsill jiddeċiedi l-prioritajiet tax-xogħolijiet.

55.4.28 Il-Kunsill iddeċieda li jagħti il-pending works kollha lill-perit biex ta' l-anqas inkunu nafu kemm bejn wieħed u ieħor kemm ser jiswew ix-xogħolijiet u mbagħad wara l-Kunsill jgħid bl-liema xogħolijiet ser nipproċedu l-ewwel.
55.4.29 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, tkellmet fuq il-garbage li mhux qed jinġabar f'Hal Mann.
55.4.30 Is-segretarju nfurmat li hija kienet tkellmet mal-foreman u anke max-xufier tal-Waste Collection u kkonfermaw li f'Ħal Mann, il-garbage jinġabar nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa.
55.4.31 Ġie deċis li għandha tintbagħat notice lil l-erba' residenti li joqgħodu f'Ħal Mann tat-*time table* meta jinġabar il-garbage.
55.4.32 Is-Segretarju nfurmat ukoll li l-GreenPak bagħtu l-kalendarju għas-sena 2017 fuq il-ġbir ta' l-iskart u din ser tintbgħat lil kull household.
55.4.33 Din trid tiġi uploaded fuq il-website tal-Kunsill u anke fuq il-Facebook.
55.4.34 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar reġgħet tkellmet fuq il-parkeġġ ħażin li qed ikun hemm fir-raħal kollu speċjalment nhar ta' Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd għax kulħadd qed jagħmel li jrid.
55.4.35 Is-Segretarju qalet li f'Jannar ser tinżamm laqgħa mas-sur Zammit tal-LESA u għandna nressqu dawn l-ilmenti lilu. Hija qalet li Dr. Sant ta' d-dati *available* tiegħu imma ħadd iktar għadhu ma wieġeb. Importanti li naslu għal ftehim ta' meta ser issir din il-laqgħa.
55.4.36 Ġie deċis li għandha tintbagħat e-mail lill-pulizija ta' B'Kara cc lil assistent kummissarju li hija sitwazjoni urġenti ħafna li jekk iweġġa' xi ħadd il-pulizija huma responsabbli. Il-pulizija għandhom jagħmlu ronda wara 8.00p.m. fil-village core, fil-pjazza, fi triq il-Forn ħdejn il-bars, fejn il-Kappella ta' San Pietru u fi Triq Sir Ugo Mifsud.
55.4.37 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li ltaqgħa ma' xi ħadd li jagħmel il-ghost tours u qed jistaqsi lill-Kunsill jekk nistgħux nagħmlu dawn it-tours ġo Ħal Lija.
55.4.38 Il-Kunsill qabel u Dr. Sant għandu jġib iktar informazjoni għal dawn it-tours f'Ħal Lija u Ħal Balzan.
55.4.39 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-laqgħa li kellha ssir mal-kuntrattur tal-knis u tal-ġnien.
55.4.40 Is-Segretarju nfurmat li hija tkellimhom kważi kuljum u tixtieq li xi ħadd mill-Kunsill ikun preżenti għal din il-laqgħa magħhom fejn ser tiġi diskussa l-performance tagħhom.

## 55.5 Rapporti

55.5.1 Rapporti ma kienx hemm.

## 55.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

55.6.1 Items oħra ma kienx hemm.

## 55.7 Attivitajiet – Milied 2016

55.7.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-festival taċ-Ċitru.
55.7.2 Hija qed tgħid li għal din is-sena peress li ma ħarġux fondi għall-attivitajiet kulturali ma nistgħux nagħmlu dan il-festival taċ-Ċitru bħas-soltu.
55.7.3 Kien hemm diskusjoni biex forsi tinbidel id-data ta' dan il-festival li s-soltu nagħmlu fl-ewwel ħadd fuq it-Tre Re. Din id-data hija wisq viċin.
55.7.4 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hemm xi ħaġa tal-flus tar-reġjun li jekk kemm il-darba nieħdu minnhom dawn l-ewwel iridu jiġu approvati fil-laqgħa tar-reġjun.
55.7.5 Is-Sindku qalet li kieku nagħmluh f'Tal-Mirakli bħas-soltu.
55.7.6 Trid tiġi stabbilita data għall-aħħar ta' Jannar 2016 imma irid ikun konfermat meta ser tagħmel il-festival taċ-Ċitru l-President ta' Malta.
55.7.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li hija flimkien ma' l-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ ikunu jistgħu jieħdu stand bl-affarijiet taż-żgħażagħ.
55.7.8 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tiċċekkja u tinforma lill-Kunsill.
55.7.9 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant issuġerixxa li bhala kunsill għandna norganizzaw ikla tal-Milied. Qal li kemm ilu fil-Kunsill din qatt ma saret u jemmen li tkun xi haga sabiha
55.7.10 Il-Kunsilliera iddiskutew din il-proposta u ġie deċis li ssir ikla filgħaxija fi chinese restaurant ix-Xemxija, nhar il-Ġimgħa 13 ta' jannar 2017 fis-7.30p.m.
55.7.11 Is-Segretarju nfurmat li nistgħu nonfqu €30 kull ikla u l-guests jħallsu huma.
55.7.12 Il-Kunsill qabel unanimament u is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ser tieħu ħsieb u tibbukja hi.

## 55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

55.8.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għal dan ix-xahar.
55.8.2 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.
55.8.3 Is-Segretarju tat spjegazjoni fuq ħafna mill-pagamenti fl-iskeda.
55.8.4 Hija spjegat li l-impjegati tal-Kunsill kellhom jitħalsu tal-leave li ma setax jitella' għas-sena d-dieħla.
55.8.5 Dan ġara peress li s-Segretarju ma setax tapprova leave kemm kienet ilha mpjegata nieqsa għal sitt xhur u nofs, allura b'mod speċjali l-leave tal-partimer li hija mpjegata 4 tela' xi ftit peress li kellha tidħol flok l-impjegata 3 diversi drabi.

55.8.6 Din mhux ser terġa tiġri s-sena d-dieħla meta l-impjegata l-oħra ser terġa tiġi taħdem il-Kunsill bir-reduced hours.
55.8.7 Is-Segretarju nfurmat li mpjegata 2 kienet bl-unpaid leave għal dawn l-aħħar xahrejn.
55.8.8 Is-Segretarju nfurmat li skond l-ordnijiet permanenti kull Kunsillier li jkun assenti jew excused għal xi laqgħa tal-Kunsill mhux ser jitħallas għal dik il-laqgħa partikolari.
55.8.9 Is-Segretarju nfurmat li d-Direttur għandu joħroġ ċirkulari fuq dan ir-rigward.
55.8.10 Is-Segretarju nfurmat li kien hemm xi żieda żgħira fl-allowance tal-Kunsill peress li fi 2014 meta xi Kunsilliera ma kinux attendew għal xi laqgħat, l-allowance tagħhom kienet inħadmet ħażin u kienu ġibdula l-attenzjoni l-awdituri.
55.8.11 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant reġgħa rrefera għal leave li l-ħaddiema ta' l-IPSL jieħdu flimkien dejjem fix-xahar ta' Diċembru pero sa dan it-tant ir-Reġjun Ċentru bagħtulna żewġ ħaddiema minn tagħhom għal tlett ġimgħat.
55.8.12 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar il-pagamenti ġew approvati unanimament. Is-Segretarju nfurmat li ħlas fuq il-petty cash ma sar xejn matul dan ix-xahar.

## 55.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

55.9.1 Il-laqgħa intemmet fi 19:50 hrs u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 20 ta'Jannar 2017 fil-5:00pm.

**IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv